



Kummissjoni
Ewropea
Affarijiet Marittimi
u s-Sajd

Ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)

Il-ħolqien ta' futur aktar
promettenti għall-ħut
u għas-sajjeda

Il-proposta tal-KE fil-qosor

- Tittieħed azzjoni kontra s-sajd żejjed u favur il-ġestjoni sostenibbli tal-ħut. ➔
- Tiġi żgurata l-produttività tal-istokkijiet tal-ħut biex jiżdied kemm jista' jkun ir-rendiment fit-tul. ➔
- Pjanijiet multiannwali mmexxija b'approċċ tal-ekosistema. ➔
- Regoli ssemplifikati u deċentralizzazzjoni. ➔ ➔
- Sistema ta' konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd. ➔
- Miżuri ta' benefiċċju għas-sajd fuq skala żgħira. ➔
- Projbizzjoni fuq il-ħut skartat. ➔
- Standards ġodda ta' kummerċjalizzazzjoni u tikkettar aktar ċar. ➔
- Qafas aħjar għall-akkwakultura. ➔
- Għajnuna finanzjarja tal-UE biex jiġu appoġġjati l-għanijiet ta' sostenibbiltà. ➔
- Informazzjoni aġġornata dwar l-istat tar-riżorsi marittimi. ➔
- Responsabbiltà internazzjonali. ➔

L-isfida

Il-politika tas-sajd tal-Ewropa teħtieġ riforma urġenti. Il-bastimenti tagħna qed jaqbd u aktar ħut minn kemm jinkiseb b'mod sigur permezz tar-riproduzzjoni, u b'hekk l-istokkijiet individwali qed jiggu eżawriti u l-ekosistema marittima qed tiġi mhedda. Billi żewġ terzi tal-istokkijiet tal-Atlantiku tat-Tramuntana bħalissa qed jinstantu ż-żejjed, l-industrija tas-sajd qed tesperjenza qabdiet iżgħar u qed taffaċċja futur inċert. Huwa l-waqt li s-sajd isir sostenibbli mil-lat ambjentali, ekonomiku u soċjali.

Għanijiet tar-riforma

Billi l-istokkijiet tal-ħut jerġgħu lura għal livelli sostenibbli, il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) għandha l-għan li tipprovdi liċ-ċittadini Ewropej bi provvista tal-ikel stabbli, sigura u b'saħħitha fit-tul. Din tiffittex li ggħib prosperità ġdida għas-settur tas-sajd, li ttemm id-dipendenza fuq sussidji u toħloq opportunitajiet ġodda għal xogħlijiet u tkabbir fiż-żoni kostali. Fl-istess ħin, qed tistimola r-responsabbiltà tal-industrija għall-amministrazzjoni tajba tal-ibħra

Ġestjoni multiannwali bbażata fuq l-ekosistema

Hemm bżonn li nħarsu l-ambjent marittimu b'mod aktar effettiv jekk irridu nerġgħu nibnu ekonomija tas-sajd vibranti. Minn issa 'l quddiem, is-sajd tal-UE se jitmexxa minn pjanijiet multiannwali u se jiġi ggvernat permezz tal-approċċ tal-ekosistema u l-prinċipju tal-prekawzjoni. Id-dejta xjentifika dwar l-istat tal-istokkijiet se tkun aktar affidabbli, u l-industrija tas-sajd se jkollha bażi aħjar u aktar stabbli għall-ippjanar u l-investment fit-tul. Dan se jħares ir-riżorsi u jżid kemm jista' jkun ir-rendiment fit-tul.

It-titjib tal-għarfien xjentifiku

Informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar l-istat tar-riżorsi marittimi hija essenzjali biex tappoġġja d-deċiżjonijiet tajbin ta' ġestjoni kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tal-PKS riformata. L-Istati Membri tal-UE se jkunu fdati bil-għbir, iż-żamma u l-qsim tad-dejta xjentifika dwar l-istokkijiet tal-ħut u l-impatt tas-sajd fil-livell tal-baċiri tal-baħar. Se jiġu stabbiliti programmi ta' riċerka nazzjonali biex jikkordinaw din l-attività.

Il-projbizzjoni tal-ħut skartat

Il-ħut skartat se jiġi eliminat. Din il-prattika li jintera l-ħut mhux mixtieq hija stmata għal 23 % tal-qabdiet totali (sostanzjalment aktar f'xi sajd!). Is-sajjieda se jkunu obbligati jieħdu fuq l-art l-ispeċijiet kummerċjali kollha li jaqbdur. Dan se jwassal għal dejta aktar affidabbli dwar l-istokkijiet tal-ħut, joffri appoġġ għal ġestjoni mtejba, u jtejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi. Din hija wkoll inċentiva sabiex jiġu evitati qabdiet mhux mixtieqa permezz ta' soluzzjonijiet tekniċi bħal irkaptu tas-sajd aktar selettiv.

Governanza deċentralizzata

Ir-riforma se tiċċara r-rwoli u l-obbligi ta' kull attur u se tressaq id-deċiżjonijiet aktar qrib it-territorji tas-sajd. Il-leġiżlaturi tal-UE se jiddefinixxu l-qafas ġenerali, il-prinċipji bażiċi, il-miri globali, l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-iske-di ta' żmien. L-Istati Membri se jiddeċiedu dwar il-miżuri attwali ta' implimentazzjoni, u se jikkooperaw fuq livell reġjonali.

Sajd li jħalli profitt

Se tiġi introdotta sistema ta' konċessjonijiet ta' sajd trasferibbli għal bastimenti itwal minn 12-il metru. Il-konċessjonijiet imqassma mill-Istati Membri se jagħtu lil sidhom intitolament għal sehem tal-opportunità tas-sajd nazzjonali kull sena. L-operaturi se jkun jistgħu jikru jew ibigħu is-sehem tagħhom. Dan se jagħti lill-industrija tas-sajd perspettiva fit-tul, aktar flessibilità u aktar responsabbiltà, filwaqt li jnaqqas il-kapaċità żejda.

Appoġġ għas-sajd fuq skala żgħira

Il-komunitajiet ta' mal-kosta li jiddependu mis-sajd jeħtieġu appoġġ partikolari. Il-PKS riformata testendi għall-2022 id-dritt għall-Istati Membri li jirrestrinġu s-sajd f'żona li tinsab sa 12-il mil nawtiku mill-kosta. Is-sajd fuq skala żgħira se jkun ukoll eżentat mill-iskema tal-konċessjonijiet trasferibbli tas-sajd. L-istrument finanzjarju futur għas-sajd se jinkludi miżuri ta' benefiċċju għas-sajd fuq skala żgħira u ser jgħin lill-ekonomiji lokali biex jadattaw għall-bidliet.

L-iżvilupp ta' akkwakultura sostenibbli

Qafas aħjar għall-akkwakultura se jżid il-produzzjoni u l-provvista tal-ikel tal-baħar fl-UE, inaqqas id-dipendenza fuq il-ħut importat u jagħti spinta liż-żoni kostali u rurali. L-Istati Membri se jagħmlu abbozz ta' pjanijiet strateġiċi nazzjonali biex jeliminaw l-ostakli amministrattivi u jżommu l-istandards ambjentali, soċjali u ekonomiċi għall-industrija tal-ħut imrobbi. Se jiġi stabbilit Kunsill Konsultattiv tal-Akkwakultura ġdid biex jagħti pariri dwar kwistjonijiet relatati mal-industrija.

Għoti ta' setgħa lis-settur

Ir-regoli ssimplifikati u l-ġestjoni deċentralizzata se jitrasferixxu s-setgħa lill-industrija. Deċiżjonijiet preskrittivi li jittieħdu minn fuq għal isfel se jiġu ssostitwiti bi tmexxija bbażata fuq ir-riżultati, u l-industrija se tkun tista' tagħżel kif l-aħjar tikseb ir-riżultati miftiehma. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi se jkollhom rwol akbar fil-ġestjoni kollettiva, il-monitoraġġ u l-kontroll. Mil-kummerċjalizzazzjoni mtejbja tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura tal-UE se tgħin biex jitnaqqas l-iskart u tipprovdi lill-produtturi breazzjoni mis-suq.

Konsumaturi infurmati aħjar


Standards ġodda ta' kummerċjalizzazzjoni dwar it-tikkettar, il-kwalità u t-traċċabbiltà ser jagħtu informazzjoni aktar ċara lill-konsumaturi u jgħinhom isostnu s-sajd sostenibbli. Ċerta informazzjoni fit-tikkettar ser tkun obligatorja, pereżempju biex issir differenza bejn il-prodotti tas-sajd u dawk tal-akkwakultura. Dettalji oħra jistgħu jiġu pprovduti fuq bażi volontarja.

Strument finanzjarju modern u adattat

Se tingħata għajnuna finanzjarja tal-UE biex tappoġġja l-għanijiet sostenibbli tal-PKS il-ġdida. Din se tiffoka fuq miżuri ekoloġiċi, l-innovazzjoni, l-iżvilupp kostali, ix-xjenza u r-riċerka. Is-sussidji tal-flotta li jmantnu strutturi mhux sostenibbli mhux se jitkomplew. Mhux se jkun hemm flus pubbliċi għal dawk li ma jikkonformawx mar-regoli: l-Istati Membri jistgħu jesperjenzaw pagamenti interrotti jew sospiżi, filwaqt li l-operaturi jistgħu jkunu soġġetti għal probizzjonijiet temporanji jew permanenti fuq sussidji futuri, jekk jiksru l-prinċipji ta' sostenibbiltà.

It-teħid ta' responsabbiltà internazzjonali

F'organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, l-UE se ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala medjatur onest għas-sostenibbiltà u l-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u l-bijodiversità marittima. Se tistabbilixxi alleanzi b'saħħithom u se tieħu azzjonijiet flimkien ma' msieħba ewlenin biex tiġġieled kontra s-sajd illegali u tnaqqas il-kapaċità żejda. Fi ftehimiet bilaterali tas-sajd ma' pajjiżi mhux tal-UE, l-UE se tippromwovi s-sostenibbiltà, il-governanza tajba u l-prinċipji ta' demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.



Sir af aktar
Għal aktar taġġir:

[http://ec.europa.eu/fisheries/
reform/index_mt.htm](http://ec.europa.eu/fisheries/reform/index_mt.htm)